MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2006

Numru 631/1996

Il-Pulizija
(Spettur Pierre Micallef Grimaud)
vs
Donald Camilleri

Illum 21 ta' Marzu 2006.

IL-QORTI

Rat l-akkuzi migjuba mill-pulizija kontra l-akkuzat u dan talli f'San Giljan fis-17 ta' Marzu 1996 ghal habta tal-12.10am:

1) Ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Joseph Borg minn Attard skond kif iccertifika Dr P Mallia tal-isptar San Luqa.
2) Bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, meta kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li, minhabba l-kariga tieghu, huwa kellu d-dmir li jimpedixxi, ikkommetta reat.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (fol 180 tal-atti) li biha billi deherlu li tista tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront tal-istess imputat, a bazi ta' din il-kumpilazzjoni taht dak li hemm mahsub fl-artikoli 214, 215, 216, 218, 20 u 533 tal-Kodici Kriminali baghat lill-istess imputat sabiex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala wahda ta' Gudikatura Kriminali f'nuqqas ta' oggezzjoni da parti tal-istess imputat u dan prevja li tisma z-zewg xhieda specifikati fl-istess nota.

Semghet lit-tabib Bassam Shamala in rappresentanza tal-isptar San Luqa waqt li ma setghetx tisma lit-tabib Patrick Mallia peress li ma setax jigi rintraccjat (ara fol 188 u fol 191 ibid).

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma ghandux oggezzjoni li dan il-kaz jigi ggudikat minn din il-Qorti.

Semghet lill-akkuzat minn jeddu, kif ukoll ix-xhieda prodotti mill-istess akkuzat, anke in kontro ezami.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi da parti tal-prosekuzzjoni gew prodotti is-segwenti xhieda u dokumenti:

a) PS 542 Alexander Grech (fol 16 u fol 38 et seq ibid) esebixxa vera kopja tar-rapport dwar l-incident in ezami (fol 40 sa fol 42 ibid) u minnu jirrizulta illi l-parti lesa kien irraporta lill-pulizija li waqt li kien fi stabbiliment gewwa Paceville "zewg persuni, li wiehed minnhom jismu Donald, u aktarx Pulizija marru (fuqu) u bdew ituh". Skond l-istess rapport, jidher illi l-akkuzat kien spjega li waqt li kien fl-istess stabbiliment ma' huh Neville Camilleri dan kien laqat, bl-arlogg tieghu, lill-parti lesa u dan da parti tieghu ta daqqa ta' ponn lill-istess Neville Camilleri "wara (li) offendieni b'ommi". Meta hu l-akkuzat u l-parti lesa gew fl-idejn, l-akkuzat kien intervjena billi dahal f'nofshom "biex iferraq" u bhala konsegwenza sofra griehi u tilef arlogg u telefon cellulari.

b) L-istess Joseph Borg, il-parti lesa, (fol 30 et seq ibid) irrakonta illi waqt li kien qed jixrob flixkun birra flimkien

ma' nies ohra, hu hass li l-glekk tieghu kien qed jingibed minn wara u meta dar lura hu ra "wiehed ihares bl-ikrah lejja" (hu l-akkuzat) liema persuna kien jafha biss "di vista" u ma kienx l-akkuzat. L-istess persuna offendietu b'ommu u hu, da parti tieghu "offendejtu lura" u l-incident spicca hemmhekk. Pero sussegwentement meta kien tbaxxa sabiex ipoggi flixkun birra go kaxxa u kien ser iqum, hu ra n-nies presenti jinfirxu. Ghalhekk hu dar u ra lill-akkuzat bi flixkun f'idu l-leminija u "tani daqqa fuq wicci bl-istess flixkun" u laqtu fuq in-naha ta' fuq ix-xellug. In oltre l-istess akkuzat kompla jaghti, b'idejh u bil-ponn, daqqiet fuq l-akkuzat, anke meta dan kien mal-art. Bhala konsegwenza ta' dan, hu sofra griehi kif murija fuq ir-<u>ritratt bil-kulur</u> esebit u anness a fol 36 ibid u mmarkat <u>Dok JB 1</u>. In oltre, waqt l-incident, hu pprova jiddefendi lilu nnifsu billi "ghollejt idejja" u "qbadt lill-akkuzat minn ghonqu sabiex inzommu l-boghod". Fl-ahhar tax-xhieda tieghu, hu wera lill-Qorti "l-isfregju li ghad ghandi fuq ghajni tax-xellug".

c) <u>Jason Caruana</u> (fol 19 u fol 221 et seq ibid) gie prodott bhala wiehed mill-persuni presenti waqt l-incident in ezami. Di fatti hu kien ma' l-akkuzat flimkien ma' tnejn ohra bl-isem ta' Charles u Donald. Qabel ma gara l-incident in ezami hu kien mar mal-bar sabiex jixtri 'drink' u kif kien hemm b'"daharu lejn Joseph Borg" hu hass "qiesu raxx ta' nies" u b'hekk dar, u ra lill-akkuzat jaghti diversi daqqiet fuq wicc l-istess parti lesa "b'xi haga" ossija b'"xi haga tleqq f'idejn l-istess akkuzat, minhabba d-dawl tal-istabbiliment". Da parti ta' Joseph Borg, dan gholla idejh sabiex jiddefendi lilu nnifsu sakemm it-tnejn waqghu mal-art b'Joseph Borg wiccu mal-art u bl-akkuzat fuqu. Kif kien qed jigri hekk, kienu intervenew persuni addetti ghas-sigurta u tefghu l-barra kemm lill-akkuzat kemm lil hu dan. Hawnhekk, ix-xhud biddel ftit il-versjoni tieghu billi xehed li ".... ma kienx l-akkuzat biss li mar ghal Joseph Borg izda anke hu l-imputat ...." Fil-fatt "kienu t-tnejn li kienu qeghdin jaghtu lil Joseph Borg". Sussegwentement, in kontro ezami, oltre li semma, ghal darba ohra, li ma kienx jaf x'kienet ir-raguni u l-motiv ta' dan l-incident, hu qal ukoll " Ma nistax nghid min ta l-

ewwel daqqa" peress li meta kien dar minn mal-bar l-incident kien diga beda.

d) Charles Vella (fol 25 et seq ibid), gia imsemmi mix-xhud precedenti bhala "Charles", semma li kien hemm certu hin meta ra lill-parti lesa jillitiga ma' persuna ohra. Wara li ghadda certu hin, u x-xhud kien qed jitkellem ma' persuna ohra, anke hu hass "qiesu raxx ta' nies" sejrin fid-direzzjoni tal-bieb ta' barra fejn kien hu stess. Fl-istess waqt kien ra lil parti lesa ftit il-boghod minnu u "b'rasu baxxa" waqt li kien hemm zewg persuni quddiem l-istess parti lesa "ixejjru idejhom" minghajr, pero, ma ra lill-istess Joseph Borg jintlaqat. Ftit wara, oltre li ra lill-istess parti lesa mal-art, hu intervjena, ma' nies ohrajn, sabiex iferrqu l-persuni nvoluti. Hawnhekk, hu ra, fl-istess stabbiliment lill-akkuzat, tista tghid, ghall-ewwel darba waqt li dan kien gewwa ma' hafna nies u dan wara li intervenew il-pulizija. Di fatti hu ppreciza, illi waqt li Joseph Borg kien ma' l-art, kien hemm persuna fuqu. Pero hu testwalment qal "Ma nistax naghraf lil dik il-persuna li nqalghet minn fuq Joseph Borg kienitx l-imputat jew le".

e) David Xuereb (fol 47 et seq ibid), wkoll gia imsemmi bhala "David", xehed li waqt li kien qed jitkellem ma' zewg tfajliet, kien hemm il-habib tieghu Joseph Borg faccata tieghu "inhares lejh". F'certu hin kienet giet certa "Rita" u qaltlu "Qed jaghtu lil siehbek" u fil-fatt hu ra li kien hemm "tnejn minn nies fuq Joseph Borg 'anzi' Joseph Borg kien ghadu bil-wieqfa mal-hajt" u "Iz-zewg persuni l-ohra kienu qeghdin jaghtuh" waqt li kienu daharhom lejn ix-xhud u b'hekk ma setax jara min kienu. Dwar dan l-incident, li gara fi"split of a second" hu kompla jghid li intervenew il-pulizija u membri tas-sigurta tal-post. In oltre min kien involut kien tkecca l'barra izda "ried jerga jidhol ghalih" cioe ghall-parti lesa, izda kien inzamm mill-istess pulizija u membri tas-sigurta milli jidhol lura fl-istabbiliment. Hawnhekk hu specifika li l-persuna involuta kien l-akkuzat u li "... jiena rajt ghall-ewwel darba wicc l-imputat wara li ferrquhom".

f) Ruth Abela li tiffrekwenta lill-akkuzat (fol 52 et seq ibid) semmiet illi hi kienet mal-akkuzat u hu dan, Neville Camilleri. F'certu hin, dan tal-ahhar kien allarga ruhu u hi u l-akkuzat baqghu jitkellmu bejnithom sakemm rat "... li kien hemm glieda" li fiha kienu involuti hu l-akkuzat, li ssemma, u li rat jimbotta lil Joseph Borg. Hawnhekk l-akkuzat mar fejn kien hemm il-glieda sabiex "... jifridhom" wara li hu taha t-tazza li kien qed jixrob minnha kontenenti xi xarba analkoholika. Di fatti hi rat lill-akkuzat jigbed lil huh minn wara u jipprova jifred lil minn kien involut fil-glieda, hamsa b'kollox, u semmiet lil "Joey Borg" certu "David" u "Jason". Difatti din ix-xhud issostni illi l-akkuzat kien qed jipprova jifred lil min kien involut cioe lil huh u Joseph Borg u fil-fatt kien hu l-akkuzat li spicca mal-art u jaqla daqqiet anke bis-sieq u fuq rasu minghand "David' u "Jason" sakemm gie merfugh minn nies tas-sigurta u inhareg 'l barra mill-istabbiliment, deskritt mix-xhud bhala "mudlam". In oltre fl-ahhar tax-xhieda taghha hi semmiet illi l-istess Joseph Borg kienet ratu bi flixkun "ahdar" jew fl-"ahdar", f'idu.
g) WPC 49 Lorraine Amato (fol 43 et seq ibid) li esebit diversi dokumenti li juru li l-akkuzat fil-fatt hu membru tal-Korp tal-Pulizija.

h) It-tabib Dottor Bassam Shamala (fol 189 et seq ibid) li kif jidher mill-istess xhieda, irrefera ghal persuni bl-istess isem tal-akkuzat izda differenti minn dan waqt li semma li ma setax jigi rintraccjat il-'file' vis-a-avis il-parti lesa.

Ikkunsidrat

Illi in difeza xehedu:

a) L-istess akkuzat (fol 196 et seq ibid) li esebixxa wkoll zewg certifikati medici (fol 220B u C) dwar feriti li hu u huh garrbu f'dan l-incident. In rigward dan, hu xehed li dahal fl-istabbiliment flimkien mal-gharusa tieghu, Ruth Abela (Ara fuq) u iltaqa ma' huh Neville u mar mal-'counter' tal-bar sabiex jordna 'drink' anke ghal huh. Hawnhekk, wara li ra "raxx ta' nies" hu ra wkoll lill-istess huh 'fl-idejn ma' tnejn ohra". Ghalhekk hu mar jigbed lura lill huh izda hass

zewg daqqiet moghtija minn wara fuq rasu u daharu. Minhabba dan, hu waqa mal-art waqt li ra lil huh jaqa wkoll flimkien mal-parti lesa. Kif kien hemm, l-akkuzat kompla jghid illi “xi hadd beda jaghtih bis-sieq fuq daharu sakemm ingabar mill-art u nhareg il-barra”. Dwar il-premess, l-akkuzat sostna li fl-ebda hin ma kellu xi flixkun f’idu jew ta xi daqqa. Anzi kien l-istess Joseph Borg li xejjer flixkun fid-direzzjoni ta’ huh. Fl-ahhar nett hu esebixxa zewg certifikati medici sabiex juri l-feriti li hu u huh garrbu f’dan l-incident. In oltre hu ddeskriva l-istabbiliment bhala wiehed pjuttost mudlam, affollat hafna u mimli storbju tal-muzika.

b) Neville Camilleri (fol 58 u fol 199 et seq ibid) spjega li dan l-incident beda meta l-arlogg tieghu kien wehel mal-qmis jew flokk ta’ Joseph Borg. Minhabba dan hu kien skuza ruhu izda l-iehor “qabad joffendini mill-ewwel”. In oltre Joseph Borg qabad flixkun tal-birra f’idu l-leminija u “kien ser ixejjirli daqqa bih” u ghalhekk hu ddefenda ruhu u inqalghet glieda li fiha hu qala diversi daqqiet kemm minn wara kemm minn quddiem. Kif it-tnejn kienu mal-art, l-akkuzat gie minn warajh u beda jghid “ieqfu” ghal diversi drabi. Di fatti hu sostna li fl-eba hin ma kien ra lill-akkuzat jaghti xi daqqa u di fatti “waqt l-incident nghid li kellna x’naqsmu biss jiena u Joseph Borg”.

c) Arthur Quintano (fol 20 et seq ibid) li fi kliemu stess spjega li l-akkuzat kien diga jafu “peress li trabbejna fl-istess lokalita f’Haz Zabbar”. Waqt li kien presenti fl-istess post u hin tal-incident in ezami, hu qal li kien ra “zewgt’irgiel jaghtu bil-ponn ‘wiehed’ fartas li ma nafux” u l-iehor Neville Camilleri. Kien ra wkoll lill-akkuzat jigri lejn fejn kien hemm il-glieda u ”jipprova jferraq it-tnejn”. Izda l-akkuzat kien qala daqqa ta’ ponn minn ghand ragel iehor u waqa mal-art. In oltre kien ra ragel iehor jintervjeni u jaghti daqqiet ukoll lill-istess akkuzat. Ta’ min isemmi illi l-istess xhud, meta iddeskriva dak li kien qed jigri lill-akkuzat, meta kien mal-art, irrefera ghal dan bhala ”l-ohrajn bdew jixxuttjaw”.

d) Douglas Grima (fol 206 et seq ibid) ukoll kien jaf lill-akkuzat billi kien “... wiehed li kien ikun fil-‘van’ tieghi tal-

iskola”. Dan ukoll sostna li l-akkuzat kien intervjena fil-glieda bejn huh u l-parti lesa billi “jigbed lil huh lura” u dan biss minghajr ma jaghti xi daqqa lil xi hadd.

e) Rachel Azzopardi (fol 209 u fol 210 et seq ibid) habiba ta’ Ruth Abela fis-sustanza xehedet bhal ma xehedu kollha kemm huma dawk prodotti in difeza, inkluz l-akkuzat.

Ikkunsidrat

Illi mis-sintesi tal-provi kif hawn fuq premess jidher car u evidenti illi l-akkuzat u l-parti lesa qeghdin jakkuzaw reciprokament lil xulxin illi l-iehor kien il-kawza tal-glieda in kwistjoni. Difatti wiehed jista jinduna li f’dan il-kaz hemm zewg verzjonijiet tal-fatti altament konfliggenti bejnithom u ghalhekk il-Qorti kellha tara u tezamina l-provi kif esposti sabiex tara jekk tistax tasal minghajr ma jissussisti dubbju dettat mir-raguni illi l-prosekuzzjoni ppruvat il-htija tal-akkuzat f’dan l-incident.

Wara li sar tali ezami, l-istess Qorti ma setghetx tikkonkludi illi l-akkuzat fil-fatt ikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-parti lesa.

Ir-raguni ta’ dan hu l-fatt illi kemm l-akkuzat kemm il-parti lesa taw verzjoni tal-fatti, tista tghid, ugwalment kredibbli, bix-xhieda prodotti jsostnu jew verzjoni wahda jew l-ohra skond min miz-zewg partijiet kienu hbieb jew marbutin b’certa relazzjoni u ghalhekk l-akkuzat ma jistax jinstab hati tal-akkuzi kif migjuba kontra tieghu.

Illi pero l-akkuzat ghandu jirrifletti sew fuq dan il-kaz u tenut kont li hu ufficjal tal-pulizija, jkun prudenti li, da parti tieghu, jevita postijiet u sitwazzjonijiet li jistghu jikkompromettu l-gurament tal-hatra tieghu bhala pulizija.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib lill-akkuzat mhux hati tal-akkuzi kollha u tilliberah minn kull akkuza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------